# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.4/6.5

## Kapitlu 6 - Salvana!

## Lezzjonijiet 6.4/6.5: Ġesù fil-passjoni

### L-Għanijiet:



**It-tfal:**

1. Jagħrfu kemm bata Ġesù għalina.
2. Jirrevedu l-istorja tal-Passjoni f'sekwenza.
3. Jiftakru meta Ġesù ġie msawwat – imwaqqa' għaċ-ċajt- imsallab fuq salib.
4. Jesperjenzaw din il-ġrajja permezz ta' żjajjar għal xi wirjiet ta' vari.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Link għall- Youtube

  **The Life Of Jesus Christ ! ( Christian Animated Cartoon Movie )**
  **http://www.youtube.com/watch?v=mKvPKkPfSwE**
- Karta ta' taħriġ 6.3.
- Karta ta' Taħriġ Addizzjonali.



## Naqsmu flimkien - *L-Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu*



1. Fakkar ftit il-punti prinċipali tal-lezzjoni ta' qabel.
2. Ħeġġeġ lit-tfal biex jaqsmu dak li jafu dwar dak li ġara lil Ġesù.

## Nisimgħu flimkien

- Uri lit-tfal il-kartuns permezz ta' dawn il-links fuq il-YouTube

  **The Life Of Jesus Christ ! ( Christian Animated Cartoon Movie )**

  *52:35 L-istorja ta' Ġuda*

  *54:06 L-aħħar ikla*

  *58:00 Ġesù arrestat*

  *1:01:00 Il-Mewt u l-qawmien ta' Ġesù.*



- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.3 u flimkien wara li t-tfal jiġu mgħejjuna jiktbu n-numru tal-istampa f'sekwenza, huma jpinġu din l-istorja.
- <u>Attività ta' kitba u tpinġija</u> – Bl-għajnuna tal-Karta ta' Taħriġ Addizzjonali - Ġesu' bata u miet għalina - it-tfal ipoġġu l-istorja tal-Għid f'sekwenza. It-tfal irid jpinġu, iqasqsu u jwaħħlu l-istampi hekk kif seħħew fil-Bibbja. Is-sekwenza t-tajba hija: 1. Ħadd il-Palm, 2. L-Aħħar Ikla, 3. Ġesù jitlob fil-Ġetsemani, 4. Ġesù' arrestat, 5. San Pietru jiċħad lil Ġesù, 6. Pilatu jaħsel idejh, 7. Ġesù mgħobbi s-salib, 8. Ġesù jmut fuq is-salib.
- Agħalaq dawn il-lezzjonijiet billi jekk possibbli tieħu lit-tfal jaraw xi vari li jfakkru din il-grajja.

## Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)

a) Fil-Ġimgħa Mqaddsa niftakru fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù.
b) Ġesù ma baqax mejjet imma qam mill-mewt.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




Tajjeb li naħseb kif ħa ngħix aħjar, billi nieħdu l-eżempju t-tajjeb ta' dawk ta' madwarna u ma nikkupjawx l-eżempju ta' min jiżbalja.

## Nitolbu



Għid lit-tfal li Ġesù miet fuq is-salib biex ipatti talli aħna għamilna dak li hu ħażin. Ġesù ried jieħu l-kastig talli aħna ma qgħadniex bil-għaqal. Mela ngħidu 'sorry' lil Ġesù tal-ħażin li għamilna u nippruvaw ma nerġgħux. Kull tifel u tifla jgħidu din it-talba ċkejkna u jżidu dak li jħossu li għamlu ħażin.

*Aħfirli Ġesù għax jiena ... (it-tfal isemmu xi ħaġa ħażina li għamlu)*